2023/2598

20.11.2023

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2598**

**tal-11 ta' Settembru 2023**

**li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Slovena tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 75(2) u 78(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Slovena tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 ([2]) fiha żball fl-Artikolu 8(6) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-post tal-oriġini. Dak l-iżball jaffettwa t-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni.

(2) Il-verżjoni bil-lingwa Slovena tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 tat-29 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 (ĠU L 284, 4.11.2022, p. 1).